**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 69** **25 ta' Ottubru, 2023**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar il-25 ta' Ottubru fil-4:30 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

Steven Grech - Sindku
Elenia Desira - Viċi Sindku
Stephen Caruana - Kunsillier
Daniel Zerafa - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

Dr. Mary Muscat - Kunsilliera

**ASSENTI:**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Scicluna - Segretarju Eżekuttiv

<table>
<tr><td>69.1</td><td>Qari ta’ ittri ta’ apoloġija</td></tr>
<tr><td>69.1.1</td><td>Għal-laqgħa datata għall-25 ta’ Ottubru, il-Kunsilliera Dr. Muscat  kienet assenti b’apoloġija.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>69.2</td><td>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti</td></tr>
<tr><td>69.2.1</td><td>Il-minuti ta’ seduta numru 68 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija.</td></tr>
<tr><td>69.2.2</td><td>Il-Kunsillier Stephen Caruana ppropona u il- Viċi Sindku Elenia Desira ssekondat il-minuti tal-laqgħat numru 68. Il-minuti ġew approvati fost dawk kollha preżenti.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>69.3</td><td>Komunikazzjonijiet mis-Sindku.</td></tr>
<tr><td>69.3.1</td><td>Is-sindku beda bi-Triq Giulino Maniscalco, kien hemm diġà resident preżenti.<br>Is-sindku fetaħ id-diskussjoni għar-residenti, vis-a-vis il-problema tal-coaches. Is-sindku qal li kienet saret laqgħa ma’ wħud mir-residenti u qiegħed jgħaddi għall-votazzjoni biex il-‘coaches’ ma jibqgħux jgħabbu u jħottu l-passiġġieri min dik it-triq u jibdew jgħabbu u jħottu min Triq il-Power Station. Hawn ittieħdet votazzjoni:<br><br>Taqbel li  l-‘coaches’ ma jibqgħux iniżżlu l-passiġġieri minn Triq Ġiulino Maniscalco u minflok jibdew jgħabbu u jniżżlu minn Triq il-Power Station, kif hawn fil-paragrafu surreferit?<br><br>
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Astensjoni</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Dr. Mary Muscat</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
</table></td></tr>
<tr><td>69.3.2</td><td>Is-sindku jgħarraf lill-kunsilliera illi fit-3 ta’ Ottubru flimkien ma’ Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-accountant rigward il-pjanar tal-Budget 2024.</td></tr>
<tr><td>69.3.3</td><td>Is-Sindku informa lill-kunsilliera preżenti li fid-9 ta’Ottubru s-sindku flimkien ma’ Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Onorevoli Segretarju Parlamentari Zerafa Civelli.</td></tr>
<tr><td>69.3.4</td><td>Jgħarraf ukoll illi fil-24 ta’ Ottubru s-Sindku u Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa l-OPM fejn ġew diskussi proġetti li jixtiequ li jiġu implementati u sitwazzjonijiet li qiegħed jiffaċċja l-Kunsill u jixtieq li jsib aktar appoġġ.</td></tr>
</table>

69.3.5

Is-Sindku ressaq il-proposta biex fejn hemm il-'Cat Cafe' jsir id-'Dog Park' minflok. Dan minħabba li f'dan il-post diġà hemm il-qtates u dan qiegħed jiġi propost wara li sema' l-ilmenti tan-nies.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tibgħat tistaqsi lid-dipartiment rigward jistax isir hekk minħabba li l-flus għall-'Cat Cafe' kienu ġew mogħtija mid-dipartiment tal- Gvern Lokali. Is-Sindku talab għall-votazzjoni biex jara min jaqbel d-'Dog Park' jiġi flok il-'Cat Cafe' u viċe-versa?

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | | | X |
| Dr. Mary Muscat | Assenti | Assenti | Assenti |
| Stephen Caruana | | | Ma Jsir Xejn |
| Daniel Zerafa | X | | |

69.3.6

Is-sindku talab għall-votazzjoni biex il-binja tal-kunsill flok dik eżistenti li hemm ġewwa l-iskola, timxi għal fejn hemm il-garagxx li qiegħed jintuża biss il-bejt tiegħu mill- Youth community centre.

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | X | | |
| Dr. Mary Muscat | Assenti | Assenti | Assenti |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |
| | | | |

69.3.7

Is-Sindku informa il-kunsilliera preżenti li din is-sena ħa ssir siġra tal-milied kbira u bid-dawl sinkronizzat. Din ħa tkun il-qofol tal-pjazza. Ħa jkun hemm attività fi 3 ta' Diċembru fejn ħa ssir il-miexla tax-Xatt, ħa jkun hemm 'stalls' armati, banda, ferrovija u attivitajiet oħra.

Fit-2 ta' Diċembru, ir-Reġjun ħa jorganizza attività fil-knisja fejn ħa jkun hemm kunċert ta' l-orgni.

69.3.8

Is-Sindku għamel referenza ukoll għal-Triq Barthelemy, rigward l-ilment fuq applikazzjoni li għaliha qiegħda tiġi proposta il-wegħsa ta' triq. Is-sindku talab lill-perit jibgħat ittra ta' oġġezzjoni fejn ikun mitlub li jimxu mal-ewwel pjanta proposta u mhux dik ta' issa.

68.3.9

Is-sindku ressaq votazzjoni oħra biex jara min jaqbel li l-binja tal-kunsill tiġi flok fejn hemm preżentament il-'Hostel' ġewwa l-iskola, jew inkella t-tieni għażla jekk l-ewwel talba ma tkunx milqugħa hija dik tal-binja maġenb il-berġa li kienet Ex-Enemalta. (Pjanta ġiet murija)

Votazzjoni fuq il-proposta li issir flok il-'Hostel':

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | X | | |
| Dr. Mary Muscat | Assenti | Assenti | Assenti |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

Votazzjoni fuq il-proposta li ssir flok il-binja li kienet Ex-Enemalta:

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | | X | |
| Elenia Desira | X | | |
| Dr. Mary Muscat | Assenti | Assenti | Assenti |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

69.3.10 Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa li kellu l-OPM, reġa' qajjem il-Master Plan u qal li kien hemm xi laqgħat li hu ma kienx infurmat bihom imma qalulu li ħa ssir laqgħa fejn ser ikun mistieden biex jiddiskutu fhiex wasal u jitkellmu mal-awtoritajiet kollha konċernati.
Qal ukoll li semma Triq ix-Xerrik fejn hemm il-Barumbara li qiegħdha taqa' u li tixtieq li tgħaddi triq minn hemm għal meta isir il-Master Plan u x-Xatt ikun magħluq. Saqsa lill- kunsilliera kollha preżenti hekk jaqblux li tal-linja tibda tgħaddi hekk:
Tinżel minn fejn hemm ir-round about ta' Triq iż-Żejtun aktar l-isfel fejn hemm 'super market', tibqa' sejra fejn ir-roundabout li hemm fit-triq tal-Power Station u terġa titlagħha min-naħa ta' wara fejn l-'Spar' u tiġi Triq iċ-Ċippi u tiġi Triq iż-Żejtun għal Triq Barthelemy u tibqa' sejra għal fejn hemm il-Barmumbara u tiġi fi Triq Kavallerizza (tgħaddi minn bejn il-Barumbara u r-razzett) u tibqa' sejra għal-fejn it-Torri ta' San Luċjan. (Dawn huma validi anka għat- 210 u 119) Dawn għal meta jkun magħluq ix-Xatt.

Is-Sindku talab għall-votazzjoni għal dak li hemm surreferit biex jibgħat il-proposta lit-TM:

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | X | | |
| Dr. Mary Muscat | Assenti | Assenti | Assenti |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

69.3.11 Is-Sindku semma li kellem lill-Perit tal-IM biex jemenda l-pjanta ta' tqassim ta' Triq Beato Bartolo Longo biex jiġu 'fishbone parking' imma l-perit sostna li ma

<table>
<tr><td></td><td>joqogħdux. Is-Segretarja ħa terġa tibgħat lil-IM bil-miktub biex tara jistax jerġa jagħmel pjanta oħra biex ikun hemm ‘round about’ iżgħar u l-parkeġġi jiġu angolati.</td></tr>
<tr><td>69.3.12</td><td>Is-Sindku informa lil-pjanta ta’ Triq Melqart li konna bgħattna bl-emendi lil IM ġiet approvata u għadha tiġi implimentata.</td></tr>
<tr><td>69.3.13</td><td>Is-Sindku staqsa jekk hux kulħadd japprova l-proposta l-ġdida tar-round about ta’ Triq tas-Silġ fejn il-Power Station. (Hawn urihom il-pjanta tal-IM)
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Astensjoni</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Dr. Mary Muscat</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
</table></td></tr>
<tr><td>69.3.14</td><td>Is-Sindku Steven Grech ressaq ukoll għall-approvazzjoni l-postijiet li fihom ħa jsiru ‘charging pillars’ . Il-Viċi Sindku pproponiet li ssir ukoll ‘charging pillar’ lejn tas-Silġ u fejn hemm il-parkeġġ tal-berġa.
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Astensjoni</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Dr. Mary Muscat</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
</table></td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>69.4</td><td>Mistoqsijiet mill-Kunsilliera</td></tr>
<tr><td>69.4.1</td><td>Il-Viċi Sindku Desira staqsiet fuq il-latrina ta’ faċċata tat-Torri Vendome, xtaqet tkun taf għala qiegħda tkun maħmuġa?<br>Is-Sindku informa li l-ftehim kien li titnaddaf darbtejn kuljum, però apparti tindif hemm ħsara fis-sistema tad-drenaġġ u li hu tal-fehma li din tingħalaq issa la qiegħda miftuħa l-latrina tal-Magħluq. Din għandha tiġi rranġata peress li l-kunsill ħa jibbenefika minn skema li ħareġ id-dipartiment.</td></tr>
<tr><td>69.4.2</td><td>Il-Kunsillier Caruana staqsa x’ħa jsir fuq ir-‘reserved parking’ ta’ quddiem il-banka tal-lotto?<br>Is-Sindku wieġeb li ħa ssir kaxxa ‘reserved’ quddiemu kif kien maħruġ il-permess qabel.</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| **69.5** | **Xogħlijiet fi Ġnien il-Familja** |
| 69.5.1 | Ix-xogħlijiet fi-ġnien il-familja kważi tlestew, il-funtana tneħħiet u ġiet miksija bil-konkos. Tħaffru it-trinek biex isiru l-kameras u ż-żebgħa tlestiet kollha. Qegħdin nistennew l-kameras jitlestew biex nirranġaw dak li tkisser u jerġgħu jinfetħu. Ix-xogħol sar mill-ħaddiema tar-Reġjun Nofsinhar u l-Kunsill ħallas l-ispejjeż relatati. Taqblu li ssir 'area' b'magni tal-eżerċizzju fiżiku u bandla li tkun 'wheelchair accessable'? |

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | X | | |
| Dr. Mary Muscat | Assenti | Assenti | Assenti |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

| | |
|---|---|
| **69.6** | **Skema ta' parkeġġ għar-residenti.** |
| 69.6.1 | Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li din irid ikun hemm aktar studju fuqha u għalissa se jinżamm kollox kif inhu. |
| **69.7** | **Approvazzjoni tal-mappa tal-evakwazzjoni tat-Tsunami Marsaxlokk** |
| 69.7.1 | Il-Kunsilliera ġew mistoqsija jekk jaqblux mal-mappa tal-evakwazzjoni tat-Tsunami murija u li kienet mibgħuta lill-Kunsill mill-Protezzjoni Ċivili. |

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | X | | |
| Dr. Mary Muscat | Assenti | Assenti | Assenti |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

| | |
|---|---|
| **69.8** | **Planning Authority** |
| 69.8.1 | Ma ġiet imressqa l-ebda applikazzjoni. |
| **69.9** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti** |

| | |
|---|---|
| 69.9.1 | Il-Viċi-sindku Desira ipproponiet u ssekonda l-Kunsillier Caruana. B'hekk ġiet approvata b'mod unanimu l-iskeda tal-pagamenti No 10/2023 bejn dawk preżenti. |
| | |
| **69.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 69.10.1 | Il-laqgħa tal-Kunsill No 69 ġiet fi tmiem wara li kienet eżawrita l-Aġenda kollha. Ġiet deċiża id-data tal-laqgħa li jmiss li se tkun nhar it-Tlieta 28 ta'Novembru fl-16:30 |

Konfermati, illum 28 ta' Novembru, 2023.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

________________________ ________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**Karen Scicluna**
*Segretarju Eżekuttiv*